MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2905/2002

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Enemalta Corporation sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess Enemalta Corporation**

**vs**

**Joseph Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm225.45) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-15 ta' Marzu, 2002, f'Triq Hal Qormi, Qormi bejn vettura numru ta' registrazzjoni DBA 283 misjuqa mill-konvenut u propjeta' tieghu u**

**vettura numru ta' registrazzjoni ENE 087 misjuqa minn Joseph Ebejer u propjeta' tal-assikurat Enemalta Corporation, prevja d-dikjarazzjoni, jekk ikun hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi (Lm6 tal-konsult) u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta' Marzu, 2003 fejn intqal illi:**

**It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma' garax tort tal-esponenti, izda gara tort tal-assikurat tal-attur, u cioe' Joseph Ebejer, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Semgha x-xhieda ta' PS 487 Reuben Balzan, John Lentini, Joseph Ebejer, Joseph Attard, Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Marzu, 2002 fi Triq Hal Qormi, Qormi bejn il-vettura ENE 087 misjuqa minn Joseph Ebejer u propjeta' tal-Korporazzjoni Enemalta u l-vettura DBA 283 misjuqa minn Joseph Attard. L-incident gara kmieni wara nofs-in-nhar.**
**2. Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni. Ebejer kien miexi mas-center strip, filwaqt li l-konvenut kien miexi fuq il-karreggjata ta' gewwa.**
**3. Skond Joseph Ebejer, waqt li kien miexi mas-center strip, il-konvenut hareg ftit il-barra u gara l-incident. L-istess xhud qal li hemm hekk zewg vetturi jghaddu facilment u li hu kellu hsara fuq il-kantuniera ta' quddiem u fuq quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt**

**li l-konvenut kellu l-hsara fuq il-kantuniera ta' wara n-naha tal-lemin.**

**4. Joseph Ebejer qal li hu zamm brake biex forsi ma jiehdux il-konvenut. Huwa spjega li ma setghax iross iktar fuq il-lemin minhabba s-center strip.**

**5. Il-konvenut jikkonferma li kien miexi fil-karreggjata ta' gewwa u xehed li : « ma ghandhix idea jekk kienx hemm traffiku quddiemi ». Qal li f'mument minnhom semgha brake, hares, ra fanal ghaddej u karozza wieqfa u d-daqqa ma hasshiex. L-istess konvenut ma kienx kategoriku dwar direzzjoni li fiha kien ghaddej u jghid li ma deherlux li bidel id-direzzjoni. Huwa jikkonferma li l-fejn kien sejjer it-triq tidjieq.**

**6. Il-konvenut jikkonferma wkoll li d-daqqa fil-vettura tieghu kienet fuq il-genb ta' wara fuq in-naha tal-lemin, u li aktar minn daqqa dina kienet girfa.**

**7. Is-surgent tal-Pulizija PS 487 Reuben Balzan esebixxa l-isketch u r-road accident report, bil-verzjoni li qalulu l-partijiet *a tempo vergine.* Rilevanti, sija mix-xhieda in generali, kif ukoll minn dik partikolari minn dik tas-surgent, jirrizulta li din it-triq ma fihiex *white line* bejn karreggjata u ohra. Dak li tnizzel fir-rapport bhala verzjonijiet tal-partijiet huwa bazikament huwa dak li xehdu l-istess partijiet.**

**8. Fic-cirkostanzi huwa mpossibli illi jigi stabbilit min kien il-kawza prossima ta' l-incident, cioe' jekk kienx il-konvenut illi ghafas fuq l-attur jew vice versa. Li hu cert huwa li Ebejer waqaf kif indikat fl-isketch, filwaqt illi l-attur baqa' miexi xi distanza. Huwa evidenti illi gara minhabba li l-impatt kien zghir.**

**9. It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sens: meta kollizzjoni hija kkagunata minhabba zball ta' kalkolu da parti taz-zewg drivers implikati fiha, u jkun difficli, jekk mhux possibli, li jigi accertat min minnhom kien il-kawza prossima tal-kollizzjoni, l-Qorti ma tistax lil banda jew ohra u titfa' r-responsabbilita' tal-kollizzjoni fuq driver jew iehor (Pulizija vs George Vigo Appell Kriminali Deciz fis-17 ta' Jannar 1953 XXXVII-IV-1015).**

**10. Fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis illi huwa minnu li Joseph Ebejer ma kellux aktar l'fejn jersaq in-nahha**

**tal-lemin, pero' mill-lat l-iehor Ebejer zamm brake ghaliex deherlu li l-konvenut kien qed iross ghal fuqu. Tenut kont ta' kif spiccaw il-vetturi u ta' fejn kellhom id-danni, t-Tribunal ma jistax jalloka r-responsabbilta' ghall-incident lil parti wahda biss, u huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi z-zewg sewwieqa kienu jahtu ghall-incident li sehh, fi grad ugwali.**

**11. Id-danni sofferti mis-socjeta' attrici kienu jammontaw ghal mitejn hamsa u ghoxrin u hamsa u erbghin centezmu (Lm225.45c). Stante li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident fl-istess grad daqs l-attur, jigi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' mija u tnax-il lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm112.72c).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident fl-istess grad daqs l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnax-il lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm112.72c), bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mil-lum, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut fil-konfront ta' Joseph Ebejer.**

**Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-istess legali ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------